MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Numru. 721/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Josef Borg**

**Kumpilazzjoni Numru 721/2012:**

**Illum, 25 ta' Marzu, 2013**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 26980(G) (M).

Akkuzat talli:

Nhar il-15 ta' Lulju, 2012 ghall-habta ta' bejn is-18:15p.m. u s-19:00p.m., gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 1030 Clinton Theuma, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

4. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

5. fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi izda li din id-dikjarazzjoni giet mibdula ghal dikjarazzjoni ta' htija llum fis-seduta u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 17(1), 338(dd), 338(e) u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Josef Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li l-akkuzi tlieta, erbgha u hamsa huma komprizi qed tikkundannah ghal sentenza ta' probation order taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' 18-il xahar.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------